# Iċ-Ċifri tal-Finanzi tal-Gvern: Jannar-Frar tal-2024

NR 054/2024 Data tal-Ħruġ: 22 ta' Marzu 2024

*Bejn Jannar u Frar 2024, il-Fond Konsolidat tal-Gvern irreġistra surplus ta' €151.4 miljun.*



Fi tmiem Frar 2024, id-Dħul Rikorrenti ammonta għal €1,182.7 miljun, €153.9 miljun ogħla minn dak li kien irrappurtat sena qabel. L-akbar żidiet kienu rreġistrati fit-Taxxa tad-Dħul (€124.8 miljun), fis-Sigurtà Soċjali (€34.6 miljun) u fil-Liċenzji, Taxxi u Multi (€11.1-il miljun). Min-naħa l-oħra, it-tnaqqisiet ewlenin kienu rrappurtati fid-Dħul Mixxellanju (€14.7-il miljun), fl-Għotjiet (€9.0 miljuni) u fid-Dazju u s-Sisa (€8.4 miljuni).

Sa Frar 2024, in-nefqa totali laħqet il-€1,031.3 miljun, li hija €116.7-il miljun aktar mis-sena ta' qabel.

In-Nefqa Rikorrenti kienet ta' €927.9 miljun, li hija żieda ta' €89.4 miljun meta mqabbla mat-€838.5 miljun li kienet irrappurtata fl-aħħar ta' Frar 2023. Iż-żieda ta' €92.3 miljun fil-Programmi u Inizjattivi kellha l-akbar sehem f'din iż-żieda. Barra minn dan, kienu rreġistrati żidiet ukoll fis-Salarji u Pagi (€16.8-il miljun) u fl-Ispiża tal-Operat (€5.9 miljuni). Min-naħa l-oħra, il-Kontribuzzjonijiet lill-Entitajiet tal-Gvern niżlu b'€25.5 miljun wara li kien hemm kontribuzzjonijiet anqas għall-Awtorità Maltija għat-Turiżmu (€19.9-il miljun) u l-Kulleġġ Malti tal-Arti, Xjenza u Teknoloġija (€10.3 miljuni).

L-iżviluppi ewliena fil-kategorija tal-Programmi u Inizjattivi kienu nefqiet akbar fuq il-Benefiċċji tas-Sigurtà Soċjali (€83.7 miljun), il-Miżuri ta' Għajnuna għall-Enerġija (€13.2-il miljun) u Spejjeż marbutin mal-ħruġ tal-Istokks tal-Gvern ta' Malta (€4.2 miljuni). Mill-banda l-oħra kien hemm tnaqqis fuq il-Ftehimiet ta' konċessjoni tal-isptarijiet (€12.7-il miljun).

Il-parti tal-imgħax tal-ispejjeż tal-manutenzjoni tad-dejn pubbliku laħqet b'kollox €41.2 miljun, żieda ta' €15.4-il miljun meta mqabbla mas-sena ta' qabel.

Fi tmiem Frar 2024, in-nefqa kapitali tal-Gvern ammontat għall-€62.2 miljun, li hija €11.9-il miljun aktar meta mqabbla mal-2023. Din iż-żieda kienet ġejja minn nefqiet akbar fuq il-Proprjetà, Impjant u Tagħmir (€7.9 miljuni), il-Kostruzzjoni u titjib ta' toroq (€7.5 miljuni) u Faċilitajiet Marittimi (€3.9 miljuni). Min-naħa l-oħra, tnaqqis fl-infiq kien irrappurtat fl-inċentivi għall-Industrija tal-Films (€3.0 miljuni) u t-teknoloġija tal-informatikà fl-iskejjel tal-Gvern (€1.6 miljun).

Id-differenza bejn id-dħul u l-infiq totali wriet surplus ta' €151.4 miljun fil-Fond Konsolidat tal-Gvern fi tmiem Frar 2024. Meta mqabbel mal-istess perjodu fl-2023, kien hemm żieda ta' €37.2 miljun fis-surplus. Din id-differenza tirrifletti żieda fid-Dħul Rikorrenti totali (€153.9 miljun), u żieda fin-nefqa totali, li kienet magħmula min-Nefqa Rikorrenti (€89.4 miljun), mill-Imgħax (€15.4-il miljuni) u min-Nefqa Kapitali (€11.9-il miljun) (Tabella nru 1).

Fl-aħħar ta' Frar 2024, id-dejn tal-Gvern Ċentrali laħaq l-€10,076.1 miljun, żieda ta' €795.8 miljun meta mqabbel mal-2023. Iż-żieda rreġistrata fl-Istokks tal-Gvern ta' Malta (€1,087.1 miljun) kienet il-kontribut ewlieni għaż-żieda fid-dejn. Aktar dejn kien irreġistrat ukoll fid-Dejn Barrani (€71.9 miljun) u fil-ħruġ tal-muniti tal-ewro f'isem it-Teżor (€4.2 miljuni). Fid-direzzjoni opposta, kien hemm tnaqqis fil-Kambjali tat-Teżor (€288.7 miljun) u fl-Istokks ta' Tifdil 62+ tal-Gvern ta' Malta (€23.3 miljun). Fl-aħħar, investimenti akbar minn fondi tal-gvern fl-Istokks tal-Gvern ta' Malta wasslu għal tnaqqis ta' €55.4 miljun fid-dejn (Tabella nru 6).

## Ċart nru 1. Is-surplus/id-defiċit fil-Fond Konsolidat: Jannar-Frar dis-sena

f'miljuni tal-ewro




## Ċart nru 2. Id-dħul rikorrenti maqsum bil-kategoriji ewlenin

Jannar-Frar 2024




## Ċart nru 3. In-nefqa maqsuma bil-kategoriji ewlenin

Jannar-Frar 2024



+356 25997000

Abbona magħna

Daħħal l-indirizz elettroniku tiegħek biex tibda tirċievi l-istatistika ppubblikata minna.

Enter your email address

I'm not a robot

reCAPTCHA
Privacy - Terms

Klijent

Talbiet għal Statistika

Talbiet għan-NACE

Stqarrijiet tal-Aħbarijiet

Pubblikazzjonijiet

Kalendarji

© 2023 Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika

Legali

Aċċessibbiltà

Politika tal-Privatezza

Termini tal-użu

English Malti